

L-Erbgħa 6 ta' April 2011

### **Ftehim UE/Marokk li jistabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim \*\*\***

P7\_TA(2011)0132

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2011 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li tistabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (13754/2010 – C7-0431/2010 – 2010/0181(NLE))**

(2012/C 296 E/31)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill (13754/2010),
  - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (13973/2010),
  - wara li kkunsidra t-talba għal kunsens imressqa mill-Kunsill bi qbil mal-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0431/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0066/2011),
1. Jagħti l-kunsens għall-konklużjoni tal-Ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-pożizzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju tal-Marokk.

---

### **Mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-KE u l-Eġittu \*\*\***

P7\_TA(2011)0133

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2011 dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi Ftehim fil-forma ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jistabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra (13762/2010 – C7-0372/2010 – 2010/0229(NLE))**

(2012/C 296 E/32)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill (13762/2010),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim forma ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jistabbilixxi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra (13975/2010),

L-Erbgħa 6 ta' April 2011

- wara li kkunsidra t-talba għal kunsens impressqa mill-Kunsill bi qbil mal-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0372/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0068/2011),
1. Jagħti l-kunsens għall-konklużjoni tal-Ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-pożizzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu.

### Il-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-programmi tal-Unjoni \*\*\*

P7\_TA(2011)0134

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-programmi tal-Unjoni (13604/2010 – C7-0401/2010 – 2010/0218(NLE))**

(2012/C 296 E/33)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13604/2010),
  - wara li kkunsidra l-abbozz tal-protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, konkluż fl-14 ta' Ġunju 1994 <sup>(1)</sup>, fir-rigward ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-programmi tal-Unjoni (13962/2010),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 114, 168, 169, 172, 173(3), 188 u 192 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0401/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0063/2011),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ukraina.

<sup>(1)</sup> ĠU L 49, 19.2.1998, p. 3.